Kun avżat illi fin-nuqqas, il-mittenti se tipproċedi kontrik bil-mezzi kollha li tagħtiha il-liġi inkluż il-ħruġ ta' mandati opportuni u proċeduri ġudizzjarji sabiex tħallasha s-somma dovuta minnek.

Din l-ittra uffiċjali qed tinagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Tant sabiex tgħarraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri, bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum, 4 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today, 24th May, 2025

To Smash Communications Limited of Flat 4, Thistle Lane, Paola, Malta

By means of this present, The Performing Right Society Limited (00134396) of 2 Pancras Square, London, NIC4AG, United Kingdom, and this confirmed on oath by Stefan sive Steve Vassallo (ID 227775M) the representative of the interpellant company, calls upon you so that within thirty (30) days from the service of this judicial letter you pay the sum due by you of €12,147.40 representing the balance due for the license MAL12956 of the use of music within your establishment.

The amount claimed of this judicial letter results from the attached invoices (Doc. A) and constitute debt, sure, liquid and due by you to the interpellant company.

That although you were called upon several times by the interpellant company and the interpellant company tried to notify you by means of the procedure which is under Article 166A of Chapter 12 in order to pay the said amount of €12,147.40 you remained in default and did not pay that is due from you to the same interpellant company.

Thus you are informed that this is the last attempt against you to obtain the payment of the amount of €12,147.40 together with legal interest which runs from the date of each invoice till the date of effective payment.

Be warned that in default, the interpellant shall proceed against you by all the means given to her by law including the issue of the opportune warrants and judicial procedures to pay her the sum due by you.

This judicial letter is being sent for all intents and purposes of law. So much so that you may know how to regulate yourself and avoid further costs, with costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 4th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2275

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Awwissu, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 469/2021, fl-ismijiet J Zammit Limited vs Johan Saliba et, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Johan Saliba (KI 177479M) ta'

By means of a decree of the 4th August, 2025, in the records of the judicial letter number 469/2021, in the names J Zammit Limited vs Johan Saliba, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Johan Saliba (ID 177479M) of

Blueberry, Block A, Flat 6, Triq FS Caruana, Birkirkara u Jorosca Saliba (KI 227381M) ta' Blueberry, Block A, Flat 6, Triq F.S. Caruana, Birkirkara, fil-5 ta' Marzu, 2021, J Zammit Limited (C 37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tagħmlilkom referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnkom numerati minn numru 23 san-numru 48 kopja ta' liema qed jigu annessi ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali kellhom jitħallsu kull nhar d-9 tax-xahar u cioè bejn d-9 ta' Jannar, 2019 u d-9 ta' Frar, 2021 rispettivament, baqgħu ma' tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejtu interpellati kemm-il darba, tinterpellakom sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilkom ta' dina l-ittra uffiċjali tħallsu lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €3,618.68 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnek iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpanija mittenti tavżakom illi jekk tonqsu milli tottempraw ruħkom mas-suespost ser tipproċedi bl-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal fini u effetti kollha tal-ligi, kunu avżat illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandkom id-dritt sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżentaw rikors sabiex topponu għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjala mhix tagħkom jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti, kontra tagħkom u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum, 4 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Blueberry, Block A, Flat 6, Triq FS Caruana, Birkirkara and Jorosca Saliba (ID 227381M) of Blueberry, Block A, Flat 6, Triq F.S. Caruana, Birkirkara, on the 5th March, 2021, J Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, referred to the bills of exchange signed and accepted by you numbered 23 till 48, a copy of which is being attached to this judicial letter, and noted that these bills of exchange had to be paid every 9th day of the month and that is between the 9th January, 2019 and 9th February, 2021 respectively, and you remained in default although time has passed and although you were solicited several times, so it solicits you so that within two (2) days from the notification of this judicial letter you pay the interpellant company the total amount of €3,618.68 representing the value of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by you and you remained in default.

The interpellant company warns you that if you fail to abide with the above the company will proceed for the execution of the said bills of exchange in terms of article 253(e) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

For all the effects and purposes of law, you are warned that in terms of article 253(e) of Chapter 12 of the Laws of Malta you have the right so that within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you file an application to oppose the execution of the said bill of exchange on the basis that the signature on the bill of exchange is not yours or for grave and valid reasons.

So much so may know how to proceed and regulate yourselves.

With costs, including of this present against you and with legal interest from the date of expiry of the said bills of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the said bill of exchange executable in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th September 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2276

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Marzu, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3405/2024, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Noshair Nasim Akhter et, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

By means of a decree of the 25th March, 2025, in the records of the judicial letter number 3405/2024, in the names United Acceptances Finance Limited vs Noshair Nasim Akhter et, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Noshair Nasim Akhter (KI 0150645A) ta' 12 Hacienda, Triq P. Borg Olivier, Swatar, Birkirkara u Mumtaz Maqbool (KI 0077060A) ta' Lillu, Triq il-Papa Piju XII, Birkirkara in solidum u Ashok Bishnoi bħala garanti solidali, fit-3 ta' Ottubru, 2024, United Acceptances Finance Limited (C 360) ta' Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, tirreferi għal ħdax-il (11) kambjala minnkom debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma tħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati dokumenti 8 sa 18.

Is-soċjetà mittenti qiegħda tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' €3,608 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmakom illi ser tipproċedi ulterjorment kontra tagħkom skont il-liġi mingħajr pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Intom avzati li għandkom id-dritt li topponu għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum, 4 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Noshair Nasim Akhter (ID 0150645A) of 12 Hacienda, Triq P. Borg Olivier, Swatar, Birkirkara and Mumtaz Maqbool (ID 0077060A) of Lillu, Triq il-Papa Piju XII, Birkirkara in solidum and Ashok Bishnoi as surety, on the 3rd October, 2024, United Acceptances Finance Limited (C360) of Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, refers to eleven (11) bills of exchange, duly signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked Documents 8 to 18.

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €3,608 value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment, the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Chapter 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 4th September, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2277

ARB/C098/2025 – ORDNI TA' IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-15 ta' Awwissu, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr. Astrid May Grima LLD), Kumpilazzjoni Numru 710/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ARB/C098/2025 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 15th August, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Astrid May Grima LLD), with Compilation Number 710/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

KURSAT SINCIK, barbier, ta' 23 sena, imwieled ġewwa Mainz, Il-Ġermanja, fil-21 ta' Jannar, 2002, u mingħajr residenza fissa f'Malta u detentur ta' Passaport Tork bin-numru U24725995.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' KURSAT SINCIK u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 23A u fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 28 ta' Awwissu, 2025

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Ufficju għall-Irkupru tal-Assi

KURSAT SINCIK, barber, 23 years, born in Mainz, Germany, on the 21st January, 2002, and without a fixed address in Malta and holder of a Turkish passport bearing number U24725995.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to KURSAT SINCIK and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta and Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 23A and Article 22A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 28th August, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2278

ARB/C099/2025 – ORDNI TA' IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-20 ta' Awwissu, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dr. JP Grech LLD), Kumpilazzjoni Numru 7891/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JAKE AZZOPARDI, ma jaħdimx, ta' 21 sena, iben Ritianne Azzopardi, imwieled tal-Pietà, Malta, fid-6 ta' April, 2004, u resident ġewwa Atlantis Court, Flat 4, Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa u detentur ta' Karta tal-Identita Maltija bin-numru 122804L.

ARB/C099/2025 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 20th August, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr JP Grech LL.D.), with Compilation Number 7891/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

JAKE AZZOPARDI, unemployed, 21 years, son of Ritianne Azzopardi born in Tal-Pietà, Malta, on the 6st April, 2004, and residing at Atlantis Crt, Flat 4, Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa and holder of a Maltese Identity Card bearing number 122804L.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' JAKE AZZOPARDI u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 23A u fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 29 ta' Awwissu, 2025

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Ufficju għall-Irkupru tal-Assi

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to JAKE AZZOPARDI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 23A and Article 22A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 29th August, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2279

ARB/C100/2025 – ORDNI TA' IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-22 ta' Awwissu, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LLD), Kumpilazzjoni Numru 731/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

VALENTINO MORINA, diżokkupat, ta' 29 sena, iben Ivan Morina u Rose Alba, imwieled ġewwa l-Italja, fis-17 ta' Awwissu, 1996, u mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur Karta tal-Identita Taljana bin-numru AX8102890.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' VALENTINO MORINA u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli,

ARB/C100/2025 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd August, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Yana Micallef Stafrace LLD), with Compilation Number 731/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

VALENTINO MORINA, unemployed, 29 years, son of Ivan Morina and Rose Alba born in Italy, on the 17th August, 1996, and without a fixed address in Malta and holder of an Italian Identity Card bearing number AX8102890.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to VALENTINO MORINA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or

u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 28 ta' Awwissu, 2025

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Ufficju għall-Irkupru tal-Assi

immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 28th August, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2280

ARB/C101/2025 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Settembru, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja – (Maġistrat Dr Elaine Rizzo LLD). Kumpilazzjoni Numru 612/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika Ta' Malta

Kontra

MOHAMED ANAS BOUALAM, magħruf ukoll bħala ANAS BORLAM INDIRIS, impjegat, ta' 39 sena, iben Driss u Laila, imwieled il-Marokk, fl-1 ta' Awwissu, 1986 u residenti ġewwa Blk 2,3, Taraġ it-Tarznari Antiki, Bormla u/jew Kordin, detentur ta' Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 9000028A, kif ukoll passaport Marokkin bin-numru XV2106432.

ORDNAT s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MOHAMED ANAS BOUALAM u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

ARB/C101/2025 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st September, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Elaine Rizzo LLD). Compilation Number 612/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MOHAMED ANAS BOUALAM, aka ANAS BORLAM INDIRIS, employed, 39 years, son of Driss and Laila, born in Morocco on the 1st August, 1986 and residing at Blk 2,3, Taraġ it-Tarznari Antiki, Bormla, and/or Corradino, and holder of a Maltese Identity Card bearing number 9000028A and a Moroccan passport bearing number XV2106432.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MOHAMED ANAS BOUALAM and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 4 ta'Settembru, 2025

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 4th September, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2281

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Settembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 808/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-korrezzjonijiet jew l-annotazzjonijiet mitluba fuq l-Att tat-Twelid numru 8818/1947 biex kull fejn jidher il-kunjom :"D'AMATO" dan jiġi korrett b'annotazzjoni għal: "DAMATO".

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti Tar-Reviżjoni Tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd September, 2025, and upon an application numbered 808/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary corrections or annotations on the Act of Birth number 8818/1947, so that wherever the surname "D'AMATO" appears, it is corrected by annotation to "DAMATO".

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Friday, 5th September, 2025.

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2282

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Settembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 809/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel l-korrezzjonijiet jew l-annotazzjonijiet mitluba fuq l-Att tat-Twelid ta' Jessie Ciantar meta dan jiġi biex ikun reġistrat ġewwa Malta sabiex kunjom ir-rikorrenti jiġi mibdul b'annotazzjoni minn: "CIANTAR ROSINUS" għal: "CIANTAR".

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti Tar-Reviżjoni Tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd September, 2025, and upon an application numbered 809/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary corrections or annotations on the Act of Birth of Jessie Ciantar when it is to be registered in Malta, so that the surname of the applicant is amended by annotation from "CIANTAR ROSINUS" to "CIANTAR".

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Friday, 5th September, 2025.

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2283

ARB/C042/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-29 ta' Awwissu, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala

ARB/C042/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 29th August, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a

Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 381/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

GLENN BUHAGIAR, jaħdem għal rasu, ta' 43 sena, iben Vincent Buhagiar u Josette Buhagiar xebba Psaila, imwieled Tal-Pietà, Malta fl-4 ta' Novembru, 1981, u residenti ġewwa 'Marian', Triq il-Wied, Qormi u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 620781M.

U

JASMINA BUHAGIAR xebba RAKOVIC;

Il-Qorti AWTORIZZAT GLENN BUHAGIAR sabiex jeżegwixxi l-pagamenti hekk kif imniżżla sussegwentement:

a) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru 420-1150966 miżmuma mal-Elmo Insurance Limited, u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura fl-ammont ta' €119.00.

b) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru 401-1109853 miżmuma mal-Elmo Insurance Limited, u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura fl-ammont ta' €511.50.

c) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru 401-1000556 miżmuma mal-Elmo Insurance Limited u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura fl-ammont ta' €653.30.

Illi dawn il-ħlasijiet għandhom isiru minn terza persuna mill-kont tal-bank miżmum f'isimha stess mal-Bank of Valletta plc hekk kif stipolat fir-rikors ddatat 29 ta' Awwissu, 2025.

Illi dawn l-ammonti hekk imħallsa għandhom jittieħdu mill-ammonti annwalment ipperċepiti minn Glenn Buhagiar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D.), fil-5 ta' Ġunju, 2024 li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' Ġunju, 2024 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' GLENN BUHAGIAR u Jasmina Buhagiar xebba Rakovic.

Illum, 5 ta' Settembru, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Ufficju għall-Irkupru tal-Assi

Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Leonard Caruana LL.D.). Compilation Number 381/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

GLENN BUHAGIAR, self-employed, 43 years, son of Vincent Buhagiar and Josette Buhagiar née Psaila, born in Tal-Pietà, Malta on the 4th November, 1981, and residing at 'Marian', Triq il-Wied, Qormi and holder of Maltese Identity Card bearing number 620781M.

AND

JASMINA BUHAGIAR née RAKOVIC;

The Court AUTHORISES GLENN BUHAGIAR to carry out the following payments as listed hereunder:

a) Payment for the renewal of the insurance policy with reference number 420-1150966 held by Elmo Insurance Limited, and the road license for the same vehicle in the amount of €119.00.

b) Payment for the renewal of the insurance policy with reference number 401-1109853 held by Elmo Insurance Limited, and the road license for the same vehicle in the amount of €511.50.

c) Payment for the renewal of the insurance policy with reference number 401-1000556 held by Elmo Insurance Limited, and the road license for the same vehicle in the amount of €653.30.

That these payments shall be carried out by a third party from the bank account held in their own name with the Bank of Valletta plc as listed in the application dated 29th August, 2025.

That these amounts thus paid should be taken from the amounts annually received by Glenn Buhagiar.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana LL.D.) on the 5th June, 2024 which was published in the Government Gazette on the 14th June, 2024 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to GLENN BUHAGIAR and Jasmina Buhagiar née Rakovic.

Today, 5th September, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603